# FIL-QORTI KRIMINALI

## Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)

**Illum 27 ta' Frar 2023**

**Att t'akkuża numru 6/2020 fl-ismijiet:**

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**vs.**
**Gaetano CAMPAILLA**

**bin Giuseppe u Antonina xebba Zocco, imwieled Siracuza ġewwa Sqallija, nhar it-tlieta (03) ta' April 1966, mingħajr indirizz ġewwa Malta, detentur tal-karta tal-identita Taljana numru AY 3699647**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront ta' **Gaetano CAMPAILLA** fejn ġie akkużat hekk:

**L-EWWEL (1) KAP**

***Importazzjoni ta' Cannabis grass***

Illi fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) **Gaetano Campailla,** minn issa il-quddiem jissejjaħ l-akkużat, iddeċieda li jdaħħal ġewwa Malta l-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha bil-għan illi tiġi ttraffikata;

Illi fortunatament l-uffiċċjali tad-Dwana bl-assistenza tal-Pulizija rnexxilhom jintervjenu mill-ewwel sabiex twaqqaf din l-attivita' kriminali;

Illi propju fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Novembru tal-elfejn u tmintax (2018) il-Pulizija mis-sezzjoni ta' kontra d-droga ġiet infurmata mis-sezzjoni tad-Dwana stazzjonata ġewwa s-Seaport Terminal tal-Virtu Ferries fil-Valletta Waterfront dwar suspett raġonevoli ta' sustanzi lleċiti ġewwa vettura tal-għamla Ford Eco Sport bajda, li tinsaq fuq ix-xellug, bin-numru tar-reġistrazzjoni FG 127 TD, senjatament wara l-pannelli tal-bibien, dana wara li saru s-soliti spezzjonijiet kemm mis-sezzjoni tal-klieb tad-Dwana kif ukoll bis-saħħa ta' apparat appożitu konsistenti f'filmat bil-*fibreoptic*.

Illi rriżulta li l-imsemmija vettura kienet għadha kemm niżlet minn fuq il-Katamaran Jean de La Valette li kien għadu kemm wasal minn Pozallo. Illi l-Pulizija kkonfermat wara li saħansitra tkellmet mal-akkużat li filfatt kien l-istess akkużat li kien qed isuq l-imsemmija vettura. Illi *di piu* l-akkużat stqarr mal-pulizija, senjatament mal-Ispettur Mark Mercieca li kien xtara l-imsemmija vettura madwar xi sena u nofs qabel dak in-nhar u li kienet tintuża minnu biss. Illi rriżulta oltre li dak in-nhar, apparti l-akkużat, fil-vettura kien hemm żewġ persuni oħra nisa ta' dixxendenza Russa ċertu Maria Pristayovich u ommha Galina Pristayovich liema persuni ġew ukoll mistħarrġa, mitkellma fejn addirittura saret ukoll tfittxija fuqhom biex jiġi aċċertat li ma kellhom xejn illeċitu fuqhom.

Illi minn aktar stħarriġ u eżamijiet li saru fuq l-imsemmija vettura, dejjem fil-preżenza tal-akkużat, meta żżarmaw l-pannelli tal-bibien instabu kwantita' ta' boroż tal-plastik b'sustanza ħadranija fihom. Illi filfatt l-imsemmija sustanza ġiet elevata kemm mill-bieba tal-passiġġier ċioe mill-bieba l-leminija ta' quddiem kif ukoll miż-żewġ bibien ta' wara. Illi waqt iż-żarmar tal-pannelli ġie nnutat li ħafna mill-viti li jorbtu l-istess pannelli mal-bibien kienu filfatt neqsin liema viti aktar tard instabu fil-but ta' wara tal-istess vettura senjatament ġewwa kaxxa tal-għodda fil-but ta' wara. Illi *di piu* ġie nnutat li l-mod kif kienu stivati l-imsemmija boroż kienu qed jostakolaw it-twieqi b'tali mod li ma setgħux jinżlu.

Illi wara dawn ir-riżultanzi l-akkużat biddel il-komportament tiegħu fejn allega mal-pulizija li l-vettura kienet insterqitlu madwar xi xahar qabel dak in-nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) tant li kien sabha ftit ta' żmien wara pparkjata madwar tmien (08) kilometri l-bogħod mid-dar fejn joqgħod ġewwa Sirakuża. Illi l-akkużat allega wkoll li mhux talli safa misruq talli minn seraqlu l-vettura kkaġunalu ħsara wkoll fl-ignition tant illi kellhom jinbidlu xi partijiet minnha.

Illi *in oltre* mid-dokumentazzjoni li ġiet elevata mill-imsemmija vettura rriżulta li l-akkużat kien se jitlaq minn Malta fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Novembru tal-elfejn u tmintax (2018), kwindi tlett ijiem biss wara l-wasla tiegħu.

Illi mas-sejba tal-imsemmija sustanza l-pulizija nfurmat lill-Maġistrat tal-għassa Dott. Joe Mifsud fejn immedjatament infetħet Inkjesta bil-ħatra ta'

diversi esperti biex jassistu u jippriżervaw l-evidenza kollha li ġiet misjuba u elevata.

Illi minn eżamijiet u analiżi ulterjuri li saru mill-espert spiżjar forensiku tal-Qorti fuq is-sustanza ħadranija fil-forma ta' buds li nstabet fil-vettura *de quo* ġie kkonfermat li filfatt din kienet sustanza Tetrahydrocannabinol (THC) fl-ammont nett ta' disat elef u mitejn grammi (9,200g) b'purita' ta' ċirka tnejn u għoxrin fil-mija (22%);

Illi d-droga Cannabis hija msemmija fit-Taqsima III tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, il-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi b'għemilu l-akkużat **Gaetano Campailla** sar ħati talli importa jew ġiegħel li tiġi mportata madwar disa' kilos (9kg) droga Cannabis sabiex tiġi ttraffikata f'dawn il-Gżejjer, bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubbblika ta' Malta, in vista tas-suespost u taċ-ċirkostanzi kollha hemmhekk imsemmija, jakkuża lill-imsemmi **Gaetano Campailla** talli importa jew ġiegħel li tiġi mportata d-droga Cannabis f'Malta bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi.

## IT-TIENI (2) KAP

***Pussess aggravat ta' Cannabis grass***

Illi fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien kif indikati fl-ewwel Kap ta' din l-Att tal-Akkuża u cioe fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) eżattament malli l-uffiċjali tad-Dwana interċettaw il-vettura tal-għamla Ford Eco Sport bajda, bin-numru tar-reġistrazzjoni FG 127 TD li kien biha l-akkużat malli niżlet minn fuq il-Katamaran Jean de La Valette u saru l-ispezzjonijiet kemm fil-port innifsu kif ukoll wara fil-garaxx tal-pulizija rriżulta li mill-bibien tal-imsemmija vettura ġew elevati erba' boroż tal-plastik b'sustanza ħadranija fihom. Illi mill-eżamijiet tal-espert irriżulta li din is-sustanza filfatt kienet Tetrahydrocannabinol (THC) fl-ammont nett ta' ftit aktar minn disa' kilos (9kg) b'purita' ta' ċirka tnejn u għoxrin fil-mija (22%);

Illi tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ odjern senjatament il-mod kif kienet moħbija d-droga, it-tul taż-żjara tal-akkużat hawn Malta u l-ammont ta' droga nnifsu jagħmluha evidenti li għalkemm l-imsemmija droga kien fil-pussess tiegħu dina ma' kinitx intiża għall-użu esklużżiv tiegħu.

Illi *in oltre* l-akkużat ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni jew liċenzja maħruġa mill-Liġi li tippermettu jkollu fil-pussess tiegħu din id-droga.

Illi b'għemilu l-akkużat **Gaetano Campailla** sar ħati talli kellu fil-pussess tiegħu d-droga Cannabis meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-tabib prinċipali tal-ġvern skont

id-dispożizzjonijiet tat- Taqsima sitta (VI) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura l-imsemmija droga, u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-Liġi Sussidjarja 101.02 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew minn xi awtorita' apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jkollu l-imsemmija droga, dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tagħha skont riċetta kif provdut fl-imsemmija Regoli, u b'dan ir-reat sar taħt tali ċirkostanzi **li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklużżiv tiegħu**;

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in vista tas-suespost u taċ-ċirkostanzi kollha hemmhekk imsemmija, jakkuża lill-imsemmi akkużat **Gaetano Campailla** talli kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta cannabis u/jew estratt minnha meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-tabib prinċipali tal-ġvern **f'ċirkostanzi li juru li dan il-pussess ma' kienx għall-użu esklużżiv tiegħu** bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi.

Rat l-atti kollha proċesswali, kif ukoll l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat illi waqt is-seduta tal-lum, l-akkużat, Gaetano CAMPAILLA, mistoqsi jekk huwiex ħati skond l-Att tal-Akkuża, wieġeb billi stqarr illi huwa ħati tal-akkużi kollha lilu addebitati fl-Att tal-Akkuża surriferit.

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkużat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-tweġiba u tatu żmien biżżejjed sabiex, wara li jkun ukoll ikkonsulta privatament mal-avukat tal-fiduċja tiegħu, jirrifletti sew fuq din id-deċiżjoni tiegħu u jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa' lura minnha, u dan skont kif obbligata li tagħmel fis-sensi tal-artikolu 453(1) tal-Kodiċi Kriminali.

Rat illi wara d-dekors ta' dan iż-żmien, il-Qorti reġgħet sejħet il-kawża tal-akkużat u l-istess akkużat, debitament assistit mill-avukat tal-fiduċja tiegħu ġie mistoqsi mill-Qorti jgħid x'kienet se tkun id-deċiżjoni aħħarija tiegħu u bi tweġiba l-akkużat baqa' jtenni li huwa ħati.

**Għaldaqstant, fid-dawl ta' din l-ammissjoni inkondizzjonata u li ġiet imtennija, il-Qorti tiddikjara lil Gaetano CAMPAILLA ħati talli fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Novembru tas-sena Elfejn u Tmintax (2018):**

1. **importa jew ġiegħel li tiġi mportata d-droga Cannabis f'Malta bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi.**
2. **fil-pussess tiegħu l-pjanta cannabis u/jew estratt minnha meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-tabib prinċipali tal-ġvern f'ċirkostanzi li juru li dan il-pussess ma' kienx għall-użu esklużżiv tiegħu bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi.**

Rat ir-rikors konġunt tal-Avukat Ġenerali u l-akkużat Gaetano CAMPAILLA preżentat seduta stante fejn filwaqt li ddikjaraw li kienu qed jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodiċi Kriminali, talbu lil din l-Qorti li, fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkużat Gaetano CAMPAILLA għall-akkużi miġjuba kontrih, il-piena li għandha tiġi nflitta fuqu minn din l-istess Qorti għandha tkun waħda ta' priġunerija effettiva għal perjodu ta' **erbatax il-sena priġunerija u multa ta' tmienja u għoxrin elf euro (€28,000)** flimkien mal-ispejjeż peritali inkorsi f'dawn il-proċeduri u kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza oħra li ssegwi mid-dikjarazzjoni ta' sejbien ta' ħtija ai termini tal-Kapitoli 9 u 101 tal-Liġijiet ta' Malta, fosthom il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kwalunkwe flejjes u tal-proprjeta mobbli u immobbli appartenti lill-istess rikorrent akkużat Gaetano CAMPAILLA.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-Qorti fliet ġurisprudenza kemm reċenti kemm passata fir-rigward ta' reati li bihom ġie mixli u nstab ħati l-akkużat u dan inkluż l-istess tip ta' droga importata minnu, u kwantitajiet u perċentwali ta' purita tal-ingredjent attivi li jew kienu simili jew li l-Qorti qiesithom b'mod proporzjonali. Din il-Qorti ħadet kont tal-fatt li l-piena inflitta f'dawk il-każijiet, għalkemm setgħet kienet ispirata wkoll mil-qrubija fin-natura, kwalita u kwantita tad-droga involuta fihom, kienet tieħu wkoll kont taċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ b'mod li allura dawk is-sentenzi u pieni mogħtija ma jistgħux jiġu meqjusa bħala li jorbtu lil din il-Qorti fl-imposizzjoni tal-piena f'dan il-każ in kwantu anke dan il-każ għandu l-fattezzi u pekuljaritajiet tiegħu li huma diversi minn dawk imsemmija iżjed l-isfel. Iżda, anke bħala gwida għal sentenzjar idoneju, din il-Qorti ħadet kont ta' diversi sentenzi kemm dawk deċiżi minn din il-Qorti kif ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri matul iż-żmienijiet fosthom fil-kawżi **Ir-Repubblika ta' Malta vs.**

**Noaman Emhemmed Ramadan El-Arnauti**, deċiża nhar it-22 t'April 2004 (Appell Superjuri);
**Ali Aibrahim Algaoud**, deċiża fl-20 ta' Mejju 2004 (Appell Superjuri);
**Anthony Camilleri,** deċiża nhar il-5 ta' Mejju 2005 (Appell Superjuri);
**Walter John Cassar**, deċiża nhar l-4 t'Ottubru 2007 (Appell Superjuri);
**Roberto Conte,** deċiża nhar l-10 ta' Jannar 2008;
**Alex Mallia,** deċiża nhar id-19 ta' Ġunju 2008 (Appell Superjuri);
**Rida Shoaib,** deċiża nhar il-15 ta' Jannar 2009 (Appell Superjuri);
**Anthony Seychell,** deċiza nhar it-12 ta' Marzu 2009;
**Paul Muscat,** deċiża nhar it-28 ta' Diċembru 2009 (Appell Superjuri);
**Joseph Mifsud**, deċiża nhar it-2 ta' Settembru 2010 (Appell Superjuri);
**Joseph Zerafa**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2015 (Appell Superjuri);
**Andrea Zammit**, deċiża nhar it-12 ta' Jannar 2016 (Appell Superjuri);
**Christian Grech**, deċiża nhar it-28 ta' Jannar 2016 (Appell Superjuri);
**Silvio Apap et,** deċiża nhar it-30 ta' Novembru 2017 (Appell Superjuri);
**Shaibu Mohamed,** deċiża nhar l-1 ta' Marzu 2022.

Ħadet ukoll kont tal-ġurisprudenza Maltija kif ukoll dik estera fir-rigward tas-sitwazzjoni tal-ħati meta dan jirreġistra ammissjoni bikrija fi proċeduri kriminali fosthom **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 ta' Frar 1997, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Lulju 2002 nonche **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa** deċiża nhar is-17 ta' Lulju 2002;

Rat ix-xiehda tax-Xjenzat Godwin Sammut u r-relazzjoni tiegħu rigwardanti s-sejba tad-droga msemmija, fejn irriżulta li din is-sejba ta' droga Cannabis kienet tikkonsisti f'Cannabis buds li kellhom piż kumplessiv ta' disat elef u mitejn gramma (9200gr.) bil-purita tal-ingredjent attiv tagħha Tetrahydrocannabinol tkun ta' tnejn u għoxrin fil-mija (22%).

**Ikkunsidrat**

Illi kif ġie deċiż ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler et** deċiża fis-26 ta' Frar 2009 fejn intqal is-segwenti:

> S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal-fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

Apparti minn hekk din il-Qorti ħadet konsiderazzjoni wkoll tas-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Domenic Bonnici** deċiża nhar id-19 ta' Mejju 2004 fejn din il-Qorti kienet ukoll iċċitat siltiet mill-Blackstone preċiżament fir-rigard ta' meta akkużat ikun meritevoli jew le li jingħata skont fil-piena li jkollha tiġi imposta. Fil-fatt dik il-Qorti kienet qalet li:

> Issa pero' kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fis-sentenza taghha fil-kawza **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri**" [5.7.2002] , l-ammissjoni bikrija mhux bilfors jew dejjem , jew b' xi forma ta' dritt jew awtomatikament , tissarraf f' riduzzjoni fil-piena.
> Ir-regoli generali li ghandhom jiggwidaw lill-qrati meta jkun hemm ammissjoni gew imfissra mill-Qorti Kriminali fis-sentenza preliminari taghha "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**", [24.2.1997]; u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**" , [17.7.2002]. F'din l-ahhar sentenza dik il-Qorti kienet irriproduciet il-bran segwenti mill-**BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE** , (Blackstone Press Limited – 2001 edit. ecc.) :-
>
> **"Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established , the extent of the appropriate "discount" has never been fixed. In *Buffery* ( [1992] 14 Cr. App. R. (S) 511) Lord Taylor CJ indicated that "something in the order of one-third would very often be an appropriate discount", but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount the court may have regard to the strength of the case against the offender . An offender who voluntarily surrenders himself to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount. (*Hoult* (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; *Claydon* (1993) 15 Cr. App. R. (S) 526 ) and so may an offender who , as well as pleading guilty himself , has given evidence against a co-accused (*Wood* [1997] 1 Cr. App. R. (S) 347 ) and/or given significant help to the authorities ( *Guy* [1992] 2 Cr. App. R. (S) 24 ). Where an offender has been caught red handed and a guilty plea is inevitable , any discount may be reduced or lost (*Morris* [1998] 10 Cr. App. R. (S) 216; *Landy* [1995] 16 Cr. App. R. (S) 908 ) . Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons , such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (*Hollington* [1985] 85 Cr. App. R. 281; *Okee* [1998] 2 Cr. App. R. (S) 199.) Similarily , some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of the facts at odds with that put forward by the prosecution , requiring the court to conduct an inquiry into the facts (*Williams* [1990] 12 Cr. App. R. (S) 415.) The leading case in this area is *Costen* [1989] 11 Cr. App. R. (S) 182 , where the Court of Appeal confirmed that the discount may be lost in any of the following circumstances : (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence , possibly the maximum sentence, be passed; (ii) cases of 'tactical plea' , where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he**

> **could not hope to put up much of a defence , and (iii) where the offender has been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain …..”**

Din il-Qorti kkunsidrat li l-akkużat ma għandu ebda attenwanti naxxenti mill-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Qieset il-grad ta’ involviment tal-akkużat fit-traffikar tad-droga f’dan il-każ minn fejn jirriżulta li huwa kellu rwol ta’ importatur tad-droga de quo. Dwar dan il-punt, il-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-appell **Joseph Zerafa** imsemmi iżjed il-fuq saħqet illi:

> **14.** Fl-aħħarnett din il-Qorti tosserva illi hawn, u b’mod partikolari l-ewwel tliet akkużi, si tratta ta’ reati serji u l-piena trid tirrifletti l-gravita` tagħhom. F’**Ir-Repubblika ta’ Malta v. Basam Mohamed Gaballa Ben Khial**, deċiż fid-19 ta’ Frar 2004, intqal **“fejn si tratta ta’ traffikar tad-droga (inkluza importazzjoni) l-element tad-deterrent ġenerali fil-piena hija konsiderazzjoni ewlenija li kull Qorti ta’ Ġustizzja Kriminali għandha żżomm f’moħħha fil-għoti tal-piena, basta, s’intendi, li jkun hemm element ta’ proporzjonalita` bejn il-fattispeċi partikolari tal-każ u l-piena erogata (ara f’dan is-sens is-sentenza ta’ din il-Qorti tas-16 ta’ Ottubru, 2003 fl-ismijiet *Ir-Repubblika ta’ Malta v. Thafer Idris Gaballah Salem*).”** Difatti, f’ **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Thafer Idris Gaballah Salem**, intqal: **“Ma hemmx dubbju li l-element ta’ deterrent, speċjalment fil-każ ta’ reati premeditati (a differenza ta’ dawk li jiġu kommessi “on the spur of the moment”) hi konsiderazzjoni leġittima li Qorti tista’, u ħafna drabi għandha, iżżomm quddiem għajnejha fil-għoti tal-piena…. S’intendi, hemm dejjem l-element tal-proporzjonalita`: qorti ma tistax, bl-iskuża tad-“deterrent”, tagħti piena li ma tkunx ġustifikata fuq il-fatti li jirriżultaw mill-provi.”**

Rat ukoll il-fedina penali tiegħu li f’Malta hija nadifa, iżda jirriżulta wkoll minn korrispondenza bejn il-Pulizija Maltija u dik Taljana li jirriżulta li l-akkużat għandu wkoll preċedenti penali fl-Italja wkoll in konnessjoni mal-abbuż mid-droga.

**Għaldaqstant wara li rat l-artikoli 2, 8(d)(e), 10(1), 12, 14(1), 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22A, 24A u 26 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 2, 4, 9 u 16 tar-Regoli ta’ l-1939 dwar il-Kontroll Intern ta’ Mediċini Perikolużi (Avviż Legali 292/1939), u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23Ċ u 533 tal-Kodiċi Kriminali filwaqt li tilqa’ t-talba tal-akkużat u tal-Avukat Ġenerali kontenuta fir-rikors konġunt preżentat seduta stante, tikkundanna lil hati Gaetano CAMPAILLA għall-piena ta’ erbatax il-sena priġunerija u multa ta’ tmienja u għoxrin elf euro <u>(€28,000)</u> li jekk ma titħallasx puntwalment**

tiġi konvertita fi priġunerija ai termini tal-artikolu 11 tal-Kodiċi Kriminali.

A tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali tikkundanna wkoll lill-ħati sabiex iħallas l-ispejjeż kollha tal-perizji inkorsi f'dan il-każ, fl-ammont ta' elfejn ħames mija sebgħa u sebgħin euro tmenin ċenteżmi (€2577.80) b'dan li jekk dawn l-ispejjeż peritali ma jitħallsux fi żmien sena mid-data tas-sentenza dawn jiġu konvertiti f'terminu ta' priġunerija skont il-Liġi.

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat nonche l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli oħra tal-ħati; b'dan pero li l-vettura Ford Eco Sport bin-numru tar-reġistrazzjoni FJ 127 TD bajda li fiha ġiet trasportata d-droga jirriżulta li hija reġistrata wkoll fuq omm l-akkużat, Antonina Zocco. Issa fl-appell kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Guzeppi Vella et" deċiża mill-Qorti Kriminali nhar id-9 ta' Diċembru 1949, f'każ fejn il-Qorti kienet ordnat il-konfiska ta' trakk użat fil-kommissjoni tar-reat l-Imħallef Anthony J. Montanaro Gauci kien ħa in konsiderazzjoni li mart l-appellant kellha jedd ta' nofs indiviż fuq dan it-trakk u hi ma kellhiex sehem fir-reat, u ddeċieda li l-imsemmija mart l-appellant kellha "jedd sod" fuq it-trakk u ordna li l-konfiska tat-trakk tiġi mħassra. Din il-linja ta' ħsieb jirriżulta li baqgħet tipperdura fil-ġurisprudenza fejn fl-appell kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Omissis u Aaron Bugeja"[1] tas-27 ta' Mejju 2004 l-Imħallef Joseph Galea Debono stqarr li sabiex ma sseħx il-konfiska jrid jiġi pruvat li t-terz kellu jedd fuq l-oġġett konfiskat kif ukoll li t-terz ma jkunx ħa sehem fid-delitt. Hekk jirriżulta mill-atti li għandha s-sinjura Antonina Zocco u ma hemm ebda ħjiel f'dawn l-atti li Zocco kellha b'xi mod xi sehem fil-kommissjoni ta' dawn ir-reati. Għalhekk il-Qorti tiddikjara li l-vettura msemmija iżjed il-fuq hija meħlusa minn din l-ordni tal-konfiska.

Finalment, sakemm l-Avukat Ġenerali ma jindikax b'nota, li għandha tiġi preżentata fi żmien xahar mid-data tas-sentenza li d-droga eżebita hija meħtiega b'konnessjoni ma' xi proċeduri kriminali oħra kontra terzi persuni, id-droga kollha eżebita u l-affarijiet li għandhom x'jaqsmu magħha għandhom jiġu meqruda a kura tar-Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali u dan taħt is-sorveljanza diretta tad-Deputat Reġistratur tal-Qorti Kriminali li għandha tagħmel verbal u reġistrazzjoni video ta' tali distruzzjoni u li għandhom jinġiebu a

[1] Li għall-fini ta' kjarifika huwa persuna differenti mill-Imħallef sedenti.

**konjizzjoni tal-Qorti b'nota appożita u b'kopja li għandha tigi innotifikata lill-Avukat Ġenerali u lill-ħati.**

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**